**Qorti tal-Appell Kriminali**

**Onor. Imhallef Consuelo Scerri Herrera, LL.D., Dip Matr., (Can)**

**Appell Nru: 96 / 2022**

**Il-Pulizija**

**vs**

**Luca Crocenzi**

Illum 2 ta' Gunju 2022

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra Luca Crocenzi, detentur tal-Karta tal-Identita Taljana bin-numru CA 198641 Z, akkuzat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) talli:

Fis-17 ta' Settembru, 2021, ghall-habta ta' 22.20 hrs fi Triq il-Fortizza tal-Mosta, Naxxar, soqt vettura Nru IVW 086;

1. Soqt vettura bil-mutur jew vettura ohra bi traskuragni. Art. 15 (1) (a) (3), Chap. 65;
2. Soqt vettura bil-mutur jew vettura ohra b' mod perikoluz. Art. 15 (1) (a) (2) Chap. 65;
3. Soqt vettura bil-mutur jew vettura ohra bla kont. Art. 15 (1) (a) (2) Chap. 65;
4. Uzajt, gieghelt jew hallejt li persuna ohra tuza vettura bil-mutur fit-toroq minghajr polza ta' assigurazzjoni dwar ir-riskji ta' terzi persuni. Sec. 3 (1), Chap. 104;

5. Waqt Ii kont qed issuq vettura bil-mutur, qsamt il-linja bajda kontinwa jew linji doppji bojod kontinwi Art. III (A) (i), L.S. 65.05;

Il-Prosekuzzjoni titlob l-imsemmija persuna jigi skwalifiat milli jiehu jew ikollu ebda licenzja tas-sewqan ghal perjodu ta' zmien kif il-Qorti jidhrilha xieraq

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, ta' nhar it-22 ta' Frar, 2022, fejn il-Qorti illiberat lill-imputat mill-hames (5) akkuza. Il-Qorti sabet lill-imputat hati tal-akkuzi numru 2 (komprizi fiha l-ewwel (1) u t-tielet (3) akkuzi), u r-raba' akkuza. Immultatu multa ta' Ewro 2,400 pagabbli fuq medda ta' 24 xahar pagamenti mensili ugwali.

Skwalifikatu milli jkollu jew jikseb licenzja tas-sewqan ghal perjodu ta' 15-il xahar u imponit 6 punti penali fuq il-licenzja.

Rat ir-rikors tal-appellanti Luca Crocenzi minnu pprezentat fl-10 ta' Marzu, 2022, fejn talab lil din il-Qorti sabiex tvarja s-sentenza appellata billi filwaqt li tikkonfermaha fejn l-Appellant instab hati tal-tieni (2) u r-raba' (4) akkuza wara ammissjoni tieghu stess, tikkonferma wkoll il-multa ta' €2,400 kif pagabbli u l-impozizzjoni tas-sitt punti penali fuq il-licenzja, filwaqt li timmodifikaha fir-rigward tal-iskwalifika milli l-Appellant ikollu jew jikseb licenzja tas-sewqan ghal perjodu ta' 15-il xahar, u timponi minflokha, meqjusin ic-cirkustanzi kollha tal-kaz, l-piena minima ossia skwalifika ta' tliet (3) xhur, jew alternattivament skwalifika proporzjonata kif jidhrilha xieraq dina l-Onorabbli Qorti.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellati esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravji huma s-segwenti;

**AGGRAVJU: PIENA EROGATA HIJA ECCESSIVA**

1. Illi meqjusin ic-cirkustanzi kollha tal-kaz odjern, b' dawl fuq il-fixla genwina tal-Appellant kif minnu mistqarra fl-istqarrija tieghu, il-griehi ta' natura hafifa tal-persuna l-ohra involuta fl-indcident stradali, u r-rinunzja tal-imsemmija persuna li titlob lill-Pulizija Esekuttiva sabiex tiehu passi kontra l-Appellant f' dan ir-rigward, l-Appellant huwa ghalhekk tal-umli fehma illi s-sospensjoni tal-licenzja tas-sewqan tieghu ghal perjodu ta' hmistax-il (15) xahar hija manifestament eccessiva u taghti lok ghall-modifika tas-sentenza;

2. Illi b' daqshekk, l-Appellant huwa wkoll tal-umli fehma illi ma ntlahaqx il-bilanc rikjest mid-dritt penali u l-insenjamenti tal-Qrati ta' gurisdizzjoni kriminali;

3. Illi migjub quddiemha appell minn sentenza moghtija fil-prim' istanza li sabet lill-imputat hati ta' sweqan perikoluz tant li wassal ghat-telfien ta' hajja umana, din l-Onorabbli Qorti ordnat l-iskwalifika tal-licenzja tas-sewqan ghaz-zmien sitt (6) xhur ("**<u>Il-Pulizija -vs- Griffin,</u>** Qorti tal-Appell Kriminali per Imh. C. Scerri Herrera, 28 Lulju 2020);

4. Illi f' sentenza moghtija fil-prim' istanza, il-Qorti tal-Magistrati riteniet li gej:

> *"Illi dwar il-piena l-Qorti hadet in konsiderazzjoni diversi fatturi. Bla dubbju r-reati li taghhom qed jinstab hati l-imputat huma reati gravissimi u li kellhom l-aghar konsegwenzi immaginabbli: it-telf ta*

*hajja umana…Il-Qorti hadet in konsiderazzjoni ukoll l-fedina penali kwazi netta tal-imputat. F dawn ic-cirkostanzi l-Qorti tal-fehma li m ghandhiex timponi piena karcerarja imma ghandha timponi multa u tissospendi l-licenzja tas-sewqan tal-imputat f ammont u perjodu li jirriflettu l-gravità tar-reati."*

(**<u>"Il-Pulizija -vs- Camenzuli</u>**", Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali per Mag. Doreen Clarke, 11 ta' Lulju 2018)

5. Illi migjub quddiemha appell minn din l-imsemmija sentenza li sabet lill-imputat hati ta 'sweqan bla kont jew traskuragni kbira meta dan kien volontarjament qieghed isuq bi speed eccessiv tant li mal-impatt tal-vettura ma' persunsa li kienet ghaddejja mit-Triq, minkejja li xurbana, din il-persuna tilfet hajjitha, din l-Onorabbli Qorti kkonfermat l-iskwalifika tal-licenzja tas-sewqan ordnata mill-Qorti tal-Magistrati ghaz-zmien sena (1) ("**<u>Il-Pulizija -vs- Camenzuli",</u>** Qorti tal-Appell Kriminali per Imh. G. M. Grixti, 28 Frar 2022);

6. Illi migjub quddiemha appell minn sentenza moghtija fil-prim' istanza li sabet lill-imputat hati ta' sewqan perikoluz meta dan volontarjament ghamel manuvra li jaqbez central strip u, mgharraf li b' konsegwenza ta' tali manuvra tieghu laqat vettura ta' terzi, rega' volontarjament saq sahansitra fuq sid il-vettura, din l-Onorabbli Qorti kkonfermat l-iskwalifika tal-licenzja tas-sewqan ordnata mill-Qorti tal-Magistrati ghaz-zmien sitt (6) xhur ("**<u>Il-Pulizija -vs- Griffin</u>**, Qorti tal-Appell Kriminali per Imh. C. Scerri Herrera, 28 ta' Lulju 2020);

7. Illi migjub quddiemha appell minn sentenza moghtija fil-prim' istanza li sabet lill-imputat hati ta' sweqan bla kont bi skwalifika tal-licenzja tas-

sewqan ghal zmien erba' (4) xhur, filwaqt li din l-Onorabbli Qorti mmodifikat dik is-sentenza u sabet lil dak l-imputat hati ta' reat iehor, ezaminat id-disturb permissibbli ta' piena inflitta minn qorti ewwelija biss meta din ma tkunx fil-parametri tal-ligi jew tkun sproporzjonata u manifestement eccessiva fic-cirkostanzi, kif gej:

> *"Kif ikkunsidrat fis-sentenza fl-ismijiet '* ***Il-Pulizija (Spt. A. Miruzzi) vs Anthony Zarb****' : ' Illi ghar-rigward tal-aggravju dwar il-piena, l-principju regolatur hu li mhux normali li tigi disturbata d-diskrezzjoni ta l-Ewwel Qorti jekk il-piena nflitta tkun tidhol fil-parametri tal-ligi w ma jkun hemm xejn x jindika li kellha tkun inqas minn dak li tkun fil-fatt. (Ara.* ***Ir-Repubblika ta_Malta vs. David Vella****",* ***Ir-Repubblika ta_Malta vs. Eleno sive Lino Bezzina****" u ohrajn.*

Fl-appell kriminali deciz fis-26 ta 'Marzu, 2009 minn din l-Onorabbli Qorti fl-ismijiet **Il-Pulizija (Spt. T. Micallef) vs John Gauci**, rega gie ribadit li *mhux normali li din il-Qorti tal-Appell li tvarja d-diskrezjoni tal-Ewwel Qorti jekk il-piena erogata tkun tirrientra fil-parametri tal-ligi w ma tkunx manifestament eccessiva. Dan ghax, kif gie ritenut fl-Appell Kriminali (Superjuri): "****Ir-Repubblika ta_Malta vs. Carmen Butler****" [26.2.2009]:- "Il-Qorti tal-Appell Kriminali, bhala regola, ma tiddisturbax il-piena erogata mill-Ewwel Qorti, sakemm dik il-piena ma tkunx manifestament sproporzjonata jew sakemm ma jirrizultax li l-Ewwel Qorti tkun naqset milli taghti importanza lil xi aspett partikolari tal-kaz (u anki, possibilment, lil xi cirkostanza sussegwenti ghas-sentenza tal-Ewwel Qorti) li jkun jincidi b mod partikolari fuq il-piena). (Ara wkoll "****Ir-Repubblika ta_Malta vs. Bernard sive Benny Attard****" [20.3.2009] App. Krim. Superjuri)".*

*Fis-sentenza fl-ismijiet ' Il-**Pulizija Vs Joseph Azzopardi'** : il-Qorti kkunsidrat li ' Ghar-rigward tal-aggravju dwar il-piena, il-principju regolatur hu li din il-Qorti tal-Appell ma tiddisturbax u tvarja d-diskrezzjoni tal-Ewwel Qorti dwar il-piena sakemm din ma tkunx wahda li tohrog mill-parametri tal-ligi jew tkun manifestament eccessiva."*

("**Il-Pulizija -vs- Mellish**", Qorti tal-Appell Kriminali per Imh. C. Scerri Herrera, 18 Jannar 2022)

8. Illi ghalhekk, meqjusin ic-cirkustanzi kollha tal-kaz u l-insenjamenti ta' dina l-Onorabbli Qorti, specjalment meta paragunati, manifestement jirrizulta illi l-iskwalifika tal-licenzja tas-sewqan ghal zmien hmistax (15)-il xahar kif ordnata mill-Qorti tal-Magistrata hija eccessiva;

Semghet lill-partijiet jitrattaw il-kaz u dan fis-seduta tas-26 ta' Mejju 2022.

**Ikkunsidrat,**

Illi jirrizulta li fil-mori tal-kawza l-appellant kien irregistra ammisjoni dwar it-tieni u r-raba' akkuza. Il-Qorti ghalhekk in segwitu ghaddiet biex iddikjarat htija fil-konfront tal-appellant ghall-akkuza numru 2 li tinkorpora fiha l-ewwel u t-tielet akkuza u r-raba' akkuza u mmultatu s-somma ta' €2,400 pagabbli fuq medda ta' 23 xahar mensili u ugwali filwaqt li ma sabitux hati dwar il-hames akkuza minn liema akkuza illiberatu. In oltre jirrizulta li l-ewwel qorti skwalifikat lill-appellant milli jkollu jew jikseb licenzja tas-sewqan ghal perijodu ta' hmistax-il xahar u imponiet sitt punti fuq il-licenzja.

Illi l-appellant hass ruhu aggravat mhux tant mis-sejba ta' htija u l-piena imposta izda mit-terminu tas-skwalifika li huwa inghata u cioe il-hmistax-il xahar u kien ghalhekk li interpona umli appell.

Illi l-Avukat Generali ma interpona l-ebda appell mill-liberazzjoni tal-hames akkuza u ghalhekk huwa biss l-appell dwar l-iskwalifika tal-appellant li ser jigi trattat.

**Ikkunsidrat:**

Illi huwa minnhu li fil-ġurisprudenza nostrana speċjalment dik reċenti, ġie stabbilit li huwa indesiderabbli li l-Qorti Superjuri tiddisturba d-diskrezzjoni ta' l-Ewwel Qorti, madanakollu tali diskrezzjoni trid tkun fundata fuq dispożizzjonijiet tal-liġi speċifiċi li jipprovdu l-bażi legali għad-diskrezzjoni applikata mill-Ewwel Qorti. Infatti Fis-sentenza tal-każ **Il-Pulizija vs. Spiru Muscat** l-Onorabbli Qorti ta' l-Appell presjeduta mill-Onorevoli Imħallef Dr. David Scicluna fil-15 ta' Frar 2012 (255/2011) sostniet:

> *"Issa fit-termini tal-Ġurisprudenza ormai kostanti tal-Qrati tagħna, meta jkun hemm ammissjoni huwa xi ftit jew wisq odjuż appell minn piena sakemm din tkun tirrientra fil-limiti li tiprefiġġi l-liġi. Dan huwa hekk peress illi min jammetti jkun qiegħed jassumi ir-responsabbilita' tad-deċiżjoni li jkun ħa u jirrimetti ruħu għall kull deċiżjoni dwar piena li l-Qorti tkun tista' tasal għaliha......M'huwiex normali pero li tiġi disturbata d-diskrezzjoni ta' l-Ewwel Qorti jekk l-piena nflitta tkun tidħol fil-parametri tal-Liġi u ma jkun hemm xejn x'jindika li kellha tkun inqas minn dik li tkun ingħatat"*

Din il-forma mentis tal-Onorabbli Qorti ta' l-Appell Kriminali hija ukoll riflessa f'sentenzi oħra ta' l-istess Qorti fosthom **Il-Pulizija vs. Massimiliano Maurizio**[1], **Il-Pulizija vs. Jeremy James Farrugia**[2] u **Repubblika ta' Malta vs. Eleno sive**

[1] Qorti ta' l-Appell Kriminali (Inferjuri) preseduta mill-Imħallef Joseph Galea Debono fit-13 ta' Novembru 2003.
[2] Qorti ta' l-Appell Kriminali, presjeduta mill- Imhallef Joseph Galea Debono fl-14 ta' Ottubru 2003 (155/2003).

**Lino Bezzina**[3] . Din il-ġurisprudenza ormai ben kristallizzata u aċċettata in linea ta' prinċipju fil-ġurisprudenza tagħna, tgħallimna illi l-Onorabbli Qorti ta' l-Appell għandha tbiddel u tvarja l-piena inflitta minn l-Ewwel Onorabbli Qorti, fil-każijiet fejn dik il-piena ma tkunx pjenament imsejsa fuq dispożizzjonijiet tal-liġi. Dan il-prinċipju kien ġie ukoll kristallizzat fis-sentenza fil-każ **il-Pulizija vs. Joseph Attard** mogħtija mill-Onorabbli Qorti ta' l-Appell Kriminali presjeduta mill-Imħallef Patrick Vella fis-26 ta' Jannar 2001, fejn il-Qorti qalet li:

> *"Il-Qorti tal-Appell rarament tbiddel il-piena li tkun imponiet l-ewwel Qorti. Dan taghmlu biss meta jkun manifestament evidenti li dik il-Qorti tkun imponiet xi piena mhux kontemplata mill-ligi ghar-reat in ezami, jew tkun xi piena harxa wisq jew sproporzjonata ghal dak li jkun ghamel il-hati, jew tkun xi piena mhux fil-parametri tal-ligi."*

Illi r-*raison d'être* ta' dan l-aggravju, m'huwiex li tiġi nflitta xi piena ħarxa u ezemplari fuq l-appellat. Hawnhekk l-esponent mhux qed ifittex il *'pound of flesh'* iżda li tiġi inflitta terminu ta' skwalifika tal-licenzja tas-sewqan ghall-perijodu inqas oneruz kif sahansitra anke prevista mil-Liġi stess. L-unika motivazzjoni li għandhu l-esponent sabiex iressaq dan l-Aggravju hi li tiġi mħarsa r-retta amministrazzjoni tal-ġustizzja, fis-sens li l-piena nflitta għandha tkun għall-inqas il-minimu ta' dik kontemplata fil-Liġi. L-esponent ovvjament mhux ser jidħol fil-mertu jekk l-iskwalifika għandhiex tingħata fil-minimu jew le – dik diskrezzjoni ta' dik l-Onorabbli Qorti, wara li tkun semgħat il-kaz odjern. Inoltre, d-diskrezzjoni tal-Qorti fl-għoti tal-piena għandha tiġi eżerċitata fil-parametri li tipprovdi l-Liġi stess, altrimenti ma jkollniex is-saltna safja tad-dritt.

Illi din il-Qorti ezaminat l-atti u jirrizulta li l-akkuzat appellant qabad u ha l-karozza ta' habiba tieghu u cioe ta' Chiara Mancinetti. Jidher li l-appellant ma

[3] Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Superjuri) mogħtija fl-24 t'April 2003 (numru 10/1994).

ottjeniex il-permess taghha u qabad u ha l-vettura taghha waqt li hija kient l-Italja. Jghid li huwa habat ghaliex saq fil-karreggjata hazina tat-triq. Qal li thawwad peress li hawn Malta ma nsuqux fuq l-istess naha bhala l-Italja.

Jirrizulta li f dan l-incident, il-hsarat fil-vetturi kienu estensivi u in oltre jirrizulta ukoll li kien hemm feriti kemm fuq il-persuna ta' Victoria Vassallo kif ukoll fuq il-persuna tal-appellant.

Illi f'dan il-kwadru din il-Qorti hija tal-fehma li ghandha tiskwalifika l-licenzja tas-sewqan tal-appellant ghall-perijodu ta' sena minflok hmistax-il xahar. Ghalhekk filwaqt li qeghda tikkonferma l-mertu ta' l-ewwel sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali qeghda tikkonfermaha fir-rigward tal-piena mposta u cioe tal-hlas tas-somma ta' €2,400 pero qed tvarja s-sentenza billi minflok ma tiskwalifika lill-appellant mill-licenzji tieghu tas-sewqan ghall-perijodu ta' hmistax-il xahar, qeghda tirriduci dan iz-zmien ghall-perijodu ta' sena millum.

Qeghda ukoll taghti fakolta lill-appellant ihallas il-multa inflitta f'rati mensili u konsekuttivi ta' mitt euro (€100) l-ewwel pagament hu dovut fi zmien tmienja u erbghin siegha minn meta tinghata din is-sentenza.

(ft) Consuelo-Pilar Scerri Herrera
Imhallef

Vera kopja

Nadia Ciappara
Deputat Registratur